

**Talba għal deċiżjoni preliminari m'ressqa mil-Landgericht Stuttgart (il-Ġermanja) fid-19 ta' Luuju 2019 – Fussl  
Modestraße Mayr GmbH vs SevenOne Media GmbH**

**(Kawża C-555/19)**

(2019/C 357/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Stuttgart

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Fussl Modestraße Mayr GmbH

Konvenuta: SevenOne Media GmbH

**Domandi preliminari**

1. a) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2010/13/UE (¹),  
 b) il-prinċipju ta' ugwaljanza tad-dritt tal-Unjoni u  
 c) id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56 TFUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li tiprojbx xi-xandir reġjonali ta' reklamar fi programmi tax-xandir awtorizzati għall-Istat Membru kollu?
2. L-evalwazzjoni tal-ewwel domanda tkun differenti jekk id-dritt nazzjonali jippermetti dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jipprovdu li x-xandir reġjonali ta' reklamar jista' jiġi awtorizzat legalment u jezīgi, f'dan il-każ, awtorizzazzjoni amministrativa supplimentar?
3. L-evalwazzjoni tal-ewwel domanda tkun differenti jekk il-possibbiltà deskritta fit-tieni domanda ta' awtorizzazzjoni ta' reklamar reġjonali effettivament ma tintużax u għaldaqstant ir-reklamar reġjonali jkun kompletament iprojbit?
4. L-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif ukoll tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-prinċipju ta' pluraliżmu tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħal dik deskritta fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet domanda?

---

(¹) Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrativa fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjobiżiva (ĠU 2010, L 95, p. 1; rettifica fil-ĠU 2010, L 263, p. 15).